**QORTI TA` L-APPELL KRIMINALI**
**(SEDE SUPERJURI)**

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH ZAMMIT McKEON**

**ONOR. IMĦALLEF EDWINA GRIMA**

**Illum l-Erbgħa 27 ta' Jannar 2021**

**Att ta' Akkuża Nru. 13/2015**

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Martino Aiello**

Il-Qorti,

**1**. Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-akkużat Martino Aiello detentur tal-karta ta'l-identita taljana numru AS 4759564 akkużat talli:

(1) fit-18 ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) u matul l-aħħar sitt xhur qabel din id-data, assoċja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra f'Malta jew barra

minn Malta sabiex ibiegħ jew jittraffika mediċina f'Malta (il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha) kontra d-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, jew ippromwova, ikkostitwixxa, organizza jew iffinanzja tali assoċjazzjoni.

(2) fit-18 ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) u matul l-aħħar sitt xhur qabel din id-data, importa, ġiegħel li tiġi mportata jew għamel xi haġa sabiex tista' tiġi mportata mediċina perikoluża (il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha) f' Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan meta ma kellux liċenzja jew awtoriżazzjoni maħruġa taħt l-imsemmija Ordinanza li tawtorizża l-importazzjoni ta' dak l-oġġett.

(3) fit-18 ta' Ottubru tas-sena Elfejn u Erbatax (2014) kellu fil-pussess tiegħu il-pjanta Cannabis kollha jew biċċa minnha meta ma kienx fil-pussess ta' awtoriżżazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall esportazzjoni maħruġ skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija, u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa u ma kienux awtoriżżati bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern Fuq id-Drogi Perikolużi jew b'xi awtorita' mogħtija mill-Ministru responsabbli għad-Dipartiment tas-Saħħa li jkollu dik id-droga li ma ġietx fornita lilu għall-uzu tiegħu skond riċetta kif provdut fir-Regoli msemmija, u b'dan illi ċ-ċirkostanzi li fihom instabet din id-droga juru li dak il-pussess ma kienx għall-użu esklussiv tiegħu.

(4) matul is-sitt xhur qabel it-18 ta' Ottubru tas sena Elfejn u Erbatax (2014), senjatament f' Mejju u f'Gunju 2014, forna, biegħ jew xort'oħra ttraffika fir-raza meħuda mill-pjanta Cannabis jew f'xi preparazzjonijiet li kellhom bħala bażi din ir-raża mingħajr ma kellu l-liċenzja mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa u mingħajr ma kien awtoriżżat bir-Regoli ta'l-1939 għall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi jew minn xi awtorità apposta mogħtija mill-Ministru responsabbli għas-Saħħa li jforni d-droga msemmija, u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtoriżazzjoni għall-importazzjoni jew awtoriżazzjoni għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtoriżżat li jimmanifattura d-droga msemmija, u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga.

**2**. Rat li b'rikors tad-19 ta' April 2016 l-akkużat Martino Aiello, għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rikors talab li jiġi awtoriżżat jippreżenta l-eċċezzjoni msemmija fl-

istess rikors u ċioe' li għar-raġunijiet imsemmija fil-kawża Borg v Malta (Application no. 37537/13) deċiża mill-Qorti ta' Strasbourg fit-12 ta' Jannar 2016, l-inammissibilita' ta' l-istqarrija tiegħu u ta' kull riferenza li saret fix-xiehda tal-prosekuzzjoni rigward dak li ntqal fl-imsemmija stqarrija.

**3.** Rat li b'risposta tal-20 ta' April 2016, l-Avukat Ġenerali rriserva li jirrispondi għar-rikors imsemmi permezz ta' sottomissjonijiet orali fis-seduta appuntata mill-Qorti għas-smigh tal-eċċezzjonijiet u dana skont l-artikolu 438(4) tal-Kodiċi Kriminali.

**4**. Rat is-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fid-09 ta' Mejju 2017 fejn l-eċċezzjoni preliminari sollevata mill-akkużat giet milqugħa.

**5**. Rat ir-rikors ta'l-appell imressaq mill-Avukat Ġenerali fil-11 ta' Mejju 2017 li bih u għar-raġunijiet hemmhekk imsemmija talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka is-sentenza ta' l-Ewwel Qorti u minflok tgħaddi sabiex tiddisponi mill-materja imqanqla fl-eċċezzjoni tal-akkużat skont il-liġi u fl-aħjar interess u għar-retta amministrazzjoni tal-ġustizzja.

**6.** Rat is-sentenza preliminari mogħtija minn din il-Qorti fid-09 ta' April 2018 li permezz tagħha rreferiet il-kwistjoni lil Prim'Awla tal-Qorti Civli (sede kostituzzjonali) dwar jekk bl-użu fil-ġuri kontra l-akkuzat appellat Martino Aiello tal-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija fid-19 ta' Ottubru 2014 jiġix leż id-dritt tal-istess Martino Aiello għal smigħ xieraq sanċit bl-artikolu 39(1)(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

**7**. Rat is-sentenza mogħtija mil-Qorti Kostituzzjonali fis-27 ta' Marzu 2020, bi tweġiba għar-referenza lilha magħmula minn din il-Qorti fejn gie deċiż illi l-appellat Martino Aiello ma sofra ebda leżjoni tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq.

**8**. Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

**9**. Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat,

**10**. Illi l-appellat ressaq eċċezzjoni waħda ghall-Att ta'l-Akkuża imressqa kontra tiegħu mill-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubbлика ta' Malta u dan billi eċċepixxa l-inammissibilita' bhala prova tal-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija u ta' kull riferenza fix-xhieda tal-Prosekuzzjoni għal dak li ntqal f'dik l-istqarrija. L-istqarrija giet rilaxxata mill-akkużat fid-19 ta' Ottubru 2014. Din il-kwistjoni ġiet riferuta minn din il-Qorti għad-deċiżjoni tal-Qorti Kostituzzjonali billi l-kontestazzjoni dwar il-valur probatorju tagħha kienet imsejsa fuq allegata vjolazzjoni tal-jedd tal-appellat għal smigħ xieraq fit-termini ta' l-artikolu 39(1)(3) tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1)(3) tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali.

**11**. Illi b'sentenza tas-17 ta' Ottubru 2019 l-Prim'Awla tal-Qorti Civli (sede kostituzzjonali) wieġbet għal din ir-referenza billi iddikjarat:

> "**illi fiċ-ċirkostanzi tal-każ mhux ser ikun jirriżulta ebda leżjoni tad-dritt fondamentali tal-akkużat Martino Aiello għal smigħ xieraq kif sanċit bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali jekk isir użu fil-ġuri kontra tiegħu mill-istqarrija li huwa rrilaxxja lill-pulizija fid-19 ta' Ottubru 2014**."

Din id-deċiżjoni ġiet imbagħad ikkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali permezz ta' sentenza mogħtija fis-27 ta' Marzu 2020.

**12**. Illi d-difiża madanakollu xortawaħda għadha qed tinsisti fuq l-eċċezzjoni minnha ventilata dwar l-inammissibilita' ta'l-istqarrija tal-akkużat billi tisħaq illi din il-Qorti ta' kompetenza penali trid tħares lejn il-kwistjoni taħt ottika differenti minn dik tal-Qorti

Kostituzzjonali, ukoll għaliex fl-istadju taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri ma għandux jiġi rimess għal ġudizzju tal-ġurija popolari jekk il-kriterji mfassla fid-deċiżjoni *Beuze vs il-Belġju* deċiża mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem ma ġewx osservati. Jisħaq illi għalkemm l-appellat inqabad f'okkażjoni waħda *in flagrante* jdaħħal id-droga ġewwa Malta, madanakollu fl-istqarrija rilaxxata minnu lil pulizija huwa jammetti għal żewġ okkażjonijiet oħra ta'importazzjoni liema fatt allura joħroġ biss minn din l-istqarrija u minn ebda prova oħra. Fil-fehma tad-difiża hija din il-Qorti f'dan l-istadju tal-proċeduri li għandha tara jekk il-kriterji imfassal fid-deċiżjoni *Beuze* jirriżultaw u jekk humiex ser iwasslu sabiex jivvizjaw l-istqarrija rilaxxata mill-appellat.

**13**. Illi l-Qorti ma tistax taqbel ma din il-linja difenzjonali u dan għaliex kif diversi drabi affermat mill-qrati fir-rigward tal-prinċipju regolatur dwar l-ammissibilita' ta'prova fil-proċess penali, hija prassi adottata mill-ġurisprudenza illi prova ma titqiesx li hija inammissibbli sakemm ma jkunx hemm xi dispożizzjoni espressa tal-liġi li tipprekludi l-ammissjoni ta' dik il-prova. Illi għalkemm l-appellat jistieden lil din il-Qorti tqies l-ilment minnu ventilat mill-ottika tal-proċess ġudizzjarju penali u mhux minn dak ta' natura kostituzzjonali, madanakollu imbagħad ma jinvoka ebda regola tal-liġi penali li teskludi l-produċibilita' tal-istess stqarrija, iżda jisħaq unikament illi l-istqarrija hija nieqsa mill-valur probatorju tagħha għaliex meta interrogat huwa ma kellux avukat preżenti miegħu sabiex jassistieh u allura qiegħed issejjes din il-lanjanza fuq leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, kwistjoni li issa ġiet determinat finalment mill-Qorti Kostituzzjonali li sabet li ma kien hemm ebda leżjoni f'dan is-sens. Qalet hekk il-Qorti Kostituzzjonali:

> **"Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li fid-19 ta' Ottubru, 2014 l-appellant ta stqarrija lill-pulizija. Fiha jingħad, "*M'intix obbligat li titkellem sakemm ma tkunx tixtieq li titkellem, imma dak li tgħid jista' jinġieb bi prova*". Tagħrif ċar li ngħata lill-appellant u li bih kien jaf li għandu dritt ma jweġibx u dak li jgħid jista' jinġieb bi prova. Fiha wkoll dikjarazzjoni li l-appellant għamel l-istqarrija volontarjament, mingħajr theddid jew biża', wegħdiet jew twebbil ta' xi vantaġġ. Fost'affarijiet oħra, fl-istqarrija l-appellant iddikjara li:**

i. **F'Mejju, 2014 kien ġie Malta bil-catamaran minn Sqallija, darbtejn b'negozju u darba bid-droga;**
ii. **F'Ġunju, 2014 reġa ġie Malta bil-catamaran, darbtejn fuq negozju u darba bid-droga;**
iii. **Meta l-pulizija waqfu fit-18 ta' Ottubru, 2014 għall-ħabta tal-10.30 pm, instabu erba' kilos droga u li s-sieħba tiegħu ma kinitx involuta.**

**8. Waqt il-kumpilazzjoni, l-Ispettur Herman Mula xehed (seduta tat-30 ta' Ottubru, 2014) li spjega lil Aiello kif l-istqarrija ittieħdet ".... wara li jiena erġajt wissejt lill-imputat u irrifjuta li jikkonsulta ma' avukat qabel l-interrogazzjoni". Fil-fatt ix-xhud ippreżenta wkoll dikjarazzjoni li ffirma l-appellant, u miktuba bit-Taljan:**

> *"Oggi, 19 Ottobre 2014, io Martino Aiello, detentore della carta d'identita Italiana con il numero AS4759564 sono stato arrestato dalla Polizia di Malta in connessione con una investigazione di droga, sono stato informato dal ispettore Herman Mula, che ho il diritto di consultare privatamente con un avocato, o un procuratore legale, faccia a faccia, o via telefono per un massimo di un'ora prima di essere interrogato (art. 355 tal-Kap. 9).*
> *"Io sto dichiarando che rifiuto questo diritto".*

**9. Fiż-żmien rilevanti l-Artikolu 355AT(1) tal-Kodiċi Kriminali kien jipprovdi:**

> **"Bla ħsara għad-disposizzjonijiet tas-subartikolu (3), pesuna li tkun arrestata u qed tinżamm taħt il-kustodja tal-Pulizija f'xi Għassa jew f'xi post ieħor ta' detenzjoni awtorizzat għandha, jekk hija hekk titlob, titħalla kemm jista jkun malajr tikkonsulta privatament ma' avukat jew prokuratur legali, wiċċ imb'wiċċ jew bit-telefon, għal mhux iktar minn siegħa żmien. Kemm jista' jkun malajr qabel ma tibda tiġi interrogata, l-persuna taħt kustodja għandha titgħarraf mill-Pulizija bid-drittijiet li għandha taħt dan is-subartikolu".**

**10. Għalhekk l-appellant ma kellux jedd li jkollu avukat preżenti waqt l-interrogatorju. Sussegwentement, il-liġi inbidlet sabiex tat id-dritt għall-prezenza ta' avukat waqt l-istqarrija.**

**11. Skont artikolu 6(1) u 6(3) tal-Konvenzjoni:**

*"1. In the determination of..... any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair..... hearing....*

*3. Everyone charge with a criminal offence has the following minimum rights:.......*

*(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require".*

12. L-istess jingħad fl-artikolu 39(1) u (6) tal-Kostituzzjoni.

13. Kienet għażla libera tal-appellant li rrifjuta l-assistenza ta' avukat qabel kien interrogat mill-pulizija. L-appellant fl-ebda stadju m'allega li kien ġie mhajjar jew mġiegħel li jirrinunzja għal dak id-dritt. Fir-rikors tal-appell argumenta:

> *"Fix-xiehda mogħtija minnu fid-9 ta' Jannar, 2019, quddiem il-Qorti Ċivili Prim'Awla (sede Kostituzzjonali), huwa stqarr li qabel ma rrilaxxxja l- istqarrija ġie lilu spjegat li dakinhar seta' biss jingħata parir legali bit-telephone qabel l-istqarrija u mhux waqt l-istqarrija u għalhekk għażel li ma jikkonsultax ma' avukat".*

14. Pero` fid-dikjarazzjoni li l-appellant stess iffirma hemm dikjarat li kien infurmat li għandu d-dritt ukoll li jiltaqa' wiċċ imb'wiċċ ma' avukat u jkellmu qabel l-interrogazzjoni. Għaldaqstant, żgur li l-appellant ma jistax jilmenta li qabel l-interrogazzjoni ma kienx ingħata l-opportunita` li jikkonsulta ma' avukat jew li ngħata biss id-dritt li jkellmu permezz tat-telefon.

15. Il-qorti semgħet ir-recording tad-deposizzjoni, u m'huwiex veru li x-xhud qal li l-pulizija nfurmawh li għandu biss id-dritt li jkellem avukat permezz tat-telefon qabel l-interrogazzjoni. L-appellant spjega li kien infurmat mill-pulizija li kellu jedd jitkellem ma' avukat qabel iżda mhux waqt l-interrogazzjoni. Kompla li l-ġurnata kienet is-Sibt u li probabbilment l-avukat seta' jkellmu wkoll bit-telefon. Pero` fl-ebda ħin ix-xhud ma qal li l-pulizija infurmah li jista' jkellem avukat biss permezz tat-telefon. Id-dikjarazzjoni bit-Taljan li l-appellant iffirma hi l-aħjar prova li l-appellant ingħata l-opportunita` jitkellem ma' avukat wiċċ imb'wiċċ jew permezz tat-telefon. Dikjarazzjoni li fl-ebda stadju tal-proċeduri ma jirriżulta li saret xi kontestazzjoni dwarha.

16. Hu veru li kif kienet il-liġi fiż-żmien rilevanti, nies fil-posizzjoni tal-appellant ma kellhomx il-jedd ta' avukat waqt l-interrogazzjoni. Fil-fatt kien waqt dik l-interrogazzjoni li l-appellant ammetta li qabel it-18 ta' Ottubru, 2014 kien hemm darbtejn oħra meta huwa importa cannabis f'Malta matul ix-xhur ta' Mejju u Ġunju ta' dik is-sena. Għal dak li jirrigwarda t-18 ta' Ottubru, 2014 l-appellant twaqqaf meta niżel bil-vettura minn fuq il-catamaran u d-droga nstabet wara tfittxija li l-pulizija għamlu fil-vettura. Għalhekk żgur li l-istqarrjia m'hijiex l-unika prova fir-rigward ta' dak li ġara fit-18 ta' Ottubru, 2014.

17. Il-Qorti m'hijiex ser toqgħod tispekula x'kien jagħmel l-appellant li kieku kien offrut l-assistenza ta' avukat waqt l-interrogatorju. Il-fatt li rrifjuta li jkellem avukat qabel ta l-istqarrija ma jfissirx li kien ser jirrifjuta li jkollu avukat, kieku kellu l-opportunita`, li jassistih waqt l-interrogatorju."

**14**. Imbagħad wara li ċċitata il-każ ta' *Beuze* surriferit, u ġie stabbilit li ma kienx hemm raġunijiet impellenti (*compelling reasons*) għaċ-ċaħda tal-assistenza legali, ikkonkludiet hekk dwar it-tieni test stabbilit f'din id-decizjoni tal-Qorti Ewropea dwar l-"*overall fairness of the proceedings*":

> **20. Hu fuq l-Istat l-obbligu li jagħti prova li fil-proċess kriminali kien hemm *overall fairness*. F'dan il-każ m'huwiex possibbli li jsir għal kollox l-eżerċizzju li ssemma fil-każ ta' Beuze għaliex s'issa l-ġuri għadu ma sarx.**
>
> **21. L-istqarrija in kwistjoni m'hijiex l-unika prova għal dak li jirrigwarda x'ġara fit-18 ta' Ottubru, 2014. Mill-atti tal-proċeduri kriminali jirriżulta li l-appellant kien qiegħed isuq il-vettura li fiha nstabet id-droga. Kif il-vettura niżlet minn fuq il-catamaran twaqqfet mill-pulizija li għamlu tfittxija u sabu d-droga fil-vettura. L-appellant stess meta xehed fis-seduta tad-9 ta' Jannar, 2019 quddiem l-ewwel Qorti, qal li l-pulizija arrestawh meta kellu d-droga.**
>
> **22. M'hemmx dubju li fil-każ in eżami m'hemmx l-iċken indikazzjoni li l-appellant, raġel ta' 49 sena, kien persuna vulnerabbli. L-appellant irrefera għall-fatt li hu persuna ta' nazzjonalita` Taljana f'pajjiż esteru. Pero` b'daqshekk ma jfissirx li kien vulnerabbli. Jista' jkun li f'Malta ma kienx jaf avukati lil min seta' jqabbad biex jagħtuh parir legali, madankollu ma kien hemm xejn x'iżommu milli jinsisti li jkellem avukat. Hu evidenti wkoll li waqt l-interrogazzjoni kien assistit minn interpretu. Il-Qorti ma tarax li l-appellant kien f'xi pozizzjoni differenti minn dik li kien ikun kull suspettat ieħor li qiegħed jiġi investigat dwar l-istess tipi ta' reati.**
>
> **23. L-appellant tressaq b'arrest fl-20 ta' Ottubru, 2014 u dakinhar stess il-prosekuzzjoni ppreżentat l-istqarrija. L-appellant kellu opportunita` li jikkontesta l-awtentiċita` tal-istqarrija li ta lill-pulizija li nvestigawh, ukoll waqt il-kumpilazzjoni. Li l-appellant jargumenta li ".... huwa risaput li l-kontestazzjoni ta' provi ma ssirx quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fil-vesti tagħha ta' qorti istruttorja iżda fil-pre-trial stage", ma jfissirx li fl-istadju tal-kompilazzjoni ma kellux l-opportunita` li jiddikjara li qiegħed jikkontesta l-awtentiċita` tal-istqarrija u jispjega għalfejn. Dan in-nuqqas ma jagħtix wieħed x'jifhem li kien qiegħed iqies lilu nnifsu fi żvantaġġ meta għamel id-dikjarazzjoni. Hu veru wkoll li għandu l-jedd tas-silenzju pero` wkoll waqt il-kumpilazzjoni għandu pereżempju l-jedd li jagħmel kontro-eżamijiet u jressaq xhieda. Lanqas ma jirriżulta li fi stadju viċin li għamel id-dikjarazzjoni, l-appellant talab li jirtira jew jibdel l-istqarrija.**

**24. L-istqarrija ma ttieħditx bi ksur ta' xi dispozizzjoni ta' liġi u kien ċertament fl-interess pubbliku li każ dwar traffikar ta' droġi f'Malta, ikun investigat u jittieħdu proċeduri kriminali dwaru.**

**25. M'hemm l-ebda indizju li l-appellant ġie mġiegħel jagħmel dik l-istqarrija. Fl-ebda stadju m'allega xi theddid jew wegħda biex għamilha.**

**26. Fir-rigward ta' paragrafu (g) m'hemmx dubju li l-prosekuzzjoni trid li dik l-istqarrija tintuża bħala prova importanti tal-ġuri li għad irid isir, u dan b'riferenza għal dak li ġara f'Mejju u Ġunju, 2014 peress li fl-istqarrija Aiello ammetta li kien hemm darbtejn oħra f'dawk ix-xhur meta kien diġa` importa droga f'Malta. Fatt li saret riferenza espressa għalih fl-att tal-akkuża. Għalkemm il-ġuri għadu ma sarx, hu evidenti li dik l-ammissjoni fl-istqarrija għandha importanza fil-proċess kriminali tant li saret riferenza għaliha fl-att tal-akkuża.**

**27. Inoltre, dwar dan il-każ għad irid isir il-ġuri. Għalhekk huma l-ġurati li ser jiddeċiedu jekk l-appellant huwiex ħati tal-akkużi li hemm kontrih. Madankollu, ser ikun l-imħallef li fl-indirizz li jrid jagħmel lill-ġurati ser jiġbor ix-xiehda tax-xhieda u l-provi li jkunu marbutin magħhom, kif ukoll ifisser ix-xorta u l-elementi tar-reati rilevanti għall-każ. Hu l-imħallef li jagħmel ".... kull osservazzjoni oħra li tiswa biex trieġi u turi lill-ġuri kif għandu jaqdi sewwa d-dmirijiet tiegħu" (Artikolu 465 tal-Kap. 9).**

**28. Li hu żgur hu li f'dan il-każ l-appellant ingħata l-opportunita' li jitkellem ma' avukat, bit-telefon jew wiċċ imb'wiċċ, iżda irrifjuta. B'dak il-mod l-appellant ċaħħad lilu nnifsu mill-opportunita' li jkollu parir ta' avukat sabiex jipprepara ruħu għall-interrogazzjoni u sabiex jingħata tagħrif dwar il-vantaġġi u żvantaġġi li jitkellem jew jagħżel is-silenzju waqt l-interrogazzjoni. Dan meta kien jaf li waqt l-interrogazzjoni ma kienx ser ikollu l-assitenza ta' avukat preżenti. Dan apparti li kien infurmat b'mod ċar bil-jedd li jibqa' sieket u ma jweġibx iżda xorta agħżel li jwieġeb liberament. Madankollu xorta agħżel li jwieġeb għad-domandi li sarulu."**

**15**. Illi din il-Qorti ma għandha għalfejn iżżid xejn aktar billi l-Qorti Kostituzzjonali tat direzzjoni siewja ta' kif għandu jipproċedi dan il-proċess ġudizzjarju fejn ġie stabbilit illi ma seħħet ebda leżjoni tal-jedd tal-akkużat għal smigħ xieraq, u li allura dan ifisser illi l-istqarrija tiegħu ma tilfitx il-valur probatorju tagħha. Mhux biss iżda kif ingħad

tajjeb mill-Qorti Kostituzzjonali l-appellat inqabad *in flagrante* qiegħed jipprova jdaħħal kważi erba' kilos droga *cannabis* ġewwa Malta u huwa biss ir-raba kap ta'l-Att ta'l-Akkuża li jolqot dawk iż-żewġ importazzjonijiet l-oħra fl-ammont ta' ħames kilos, li seħħew qabel it-18 ta' Ottubru 2014 u li dwarhom ammetta l-appellat fl-istqarrija minnu rilaxxata.

**16**. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u billi d-difiża qed issejjes l-eċċezzjoni tagħha dwar l-inammissibilita' ta' l-istqarrija ta' l-akkużat mhux fuq xi regola penali tal-evidenza li teskludi dik il-prova, peress li l-istess stqarrija kienet konformi mal-liġi penali viġenti dak iż-żmien, iżda fuq l-allegata leżjoni potenzjali tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq taħt l-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jekk isir użu minn dik l-istqarrija fil-ġuri, u peress ukoll illi mill-pronunzjament tal-Qorti Kostituzzjonali tali leżjoni ma tirriżultax, f'dan l-istadju tal-proċeduri l-imsemmija prova m'għandhiex tiġi skartata billi mhuwiex nieqes il-valur probatorju tagħha ġaladarba ma hemm ebda regola li qed teskludi l-ammissjoni ta'l-istess.

**17. Għaldaqstant magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet, l-aggravju sollevat mill-Avukat Ġenerali jistħoqqlu akkoljiment b'dan illi fil-kors taċ-ċelebrazzjoni tal-ġuri, wara li jinstemgħu il-provi kollha, fl-indirizz finali, l-Imħallef togat għandu jagħti dik id-direzzjoni opportuna lil ġurati dwar il-valur probatorju ta'l-istqarrija rilaxxata mill-akkużat jekk jirrizulta illi din ma tteħditx skont il-liġi, jew jekk javveraw irwieħhom dawk iċ-ċirkostanzi elenkati fil-linji gwida stabbiliti fid-deċiżjoni *Beuze* hawn fuq iċċitata. Fuq kollox għall-appellat dejjem jibqa' id-dritt tiegħu li jitlob reviżjoni tal-verdett u s-sentenza tal-Qorti Kriminali fl-eventwalita' li jkun hemm dikjarazzjoni ta' ħtija fil-konfront tiegħu.**

**18. Għal dawn il-motivi il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell interpost mill-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk biex tirrevoka s-sentenza appellata u b'hekk tiċħad l-eċċezzjoni imqanqal mill-akkużat dwar l-inammissibilita' ta'l-istqarrija rilaxxata minnu lill-pulizija lura fid-19 ta' Ottubru 2014.**

**S.T.O. Prim Imħallef Mark Chetcuti**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**